# QORTI ĊIVILI

**Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi**

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 3 ta' Ġunju 2025**

**Nru: 3**

**Rikors Nru. 14/2024**

## Mary Grace Desira

**v**

## Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi

**Fil-qosor**

1. Din il-kawża tikkonċerna proprjetà immobbli li allegatament tappartjeni lir-rikorrenti iżda li nqabdet fl-Ordni ta' Qbid u Iffriżar li nħarġet kontra Darren (ġieli miktub 'Daren') Desira fit-23 ta' Mejju 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti istruttorja.

2. Ir-rikorrenti qiegħda titlob lil din il-qorti biex tirilaxxja l-proprjetà u teħlisha mill-effetti ta' din l-Ordni, u dana bit-tħaddim tal-artikolu 39 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità (Kap. 621). L-intimati wieġbu, fost affarijiet oħra, li l-azzjoni prevista fl-artikolu 39 tal-Kap. 621 m'hijiex applikabbli f'dan il-każ għaliex l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar kontra Darren Desira nħareġ taħt il-Kap. 101 u mhux taħt il-Kap. 621.

3. Din id-deċiżjoni ser tkun qed tittratta din l-eċċezzjoni preliminari.

**Akkużi kriminali kontra Darren Desira**

4. Fit-23 ta' Mejju 2023, Darren Desira u imputat ieħor tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (minn hawn 'il quddiem il-'Qorti tal-Maġistrati'),[1] b'akkużi taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101). Darren Desira qiegħed jiġi akkużat li kellu d-droga kokaina fil-pussess tiegħu f'ċirkostanzi li kienu jindikaw li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu, li forna jew ipprokura jew offra li jipprokura d-droga kokaina, li kellu droga kokaina fil-pussess tiegħu, u b'reċidiviżmu.

5. Il-Qorti tal-Maġistrati ġiet mitluba, biex f'każ ta' ħtija, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-"rikavat li ġie mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll il-konfiska ta' kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja, ai termini tal-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta."[2]

6. Apparti minn hekk, il-Qorti tal-Maġistrati ġiet mitluba biex toħroġ ordni ta' qbid u iffriżar, u li permezz tagħha, hija:-

> "tissekwestra u/jew żżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputat jew huma proprjetà tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-Imputat milli jittrasferixxi, iwiegħed, jipoteka jew ibiddel jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, ai termini ta' l-artikolu 22A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità u l-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta."[3]

7. It-talba għall-ħruġ ta' ordni ta' qbid u iffriżar ġiet milqugħa b'digriet mogħti dakinhar stess mill-Qorti tal-Maġistrati (minn hawn 'il quddiem l-'Ordni ta' Qbid u Iffriżar'), fejn ġie ordnat is-segwenti:-

> "iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' DAREN DESIRA [omissis] u

[1] Ara l-kopja taċ-ċitazzjoni fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daren Desira et' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti struttorja f'paġni 244-246.
[2] Ibid.
[3] Ibid.

tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu, jagħtu b'raħan, iwiegħedu, jipotekaw jew jibdlu jew xort'oħra jiddisponu minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà jew inkella miżmuma minnha, u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta."[4]

8. Fid-digriet tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati awtorizzat lill-imputati biex jirċievu €13,976.24 fis-sena jew €600 kull 15-il ġurnata. Intqal li kwalsiasi trasferiment jew tneħħija ta' proprjetà bi ksur tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar jitqiesu nulli u bla effett, u li ksur tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar, tista' ġġib magħha multa massima ta' €12,000 u/jew priġunerija ta' mhux iktar minn 12-il xahar.

**L-inkarigu tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi**

9. Fid-digriet tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati ordnat li jsir kompendju tal-assi, fejn l-imputat Darren Desira kellu titolu jew interess, u nnominat lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għal dan l-inkarigu. Wara l-istħarriġ li wettaq l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi biex jidentifika "kwalunkwe proprjetajiet illi jistgħu jkunu indirettament jew direttament relatati mal-imputat Daren Desira", huwa ppreżenta l-konstatazzjonijiet tiegħu fil-5 ta' April 2024, fil-forma ta' kompendju li ġie anness f'paġni 25-221, bl-isem 'Elenku tal-Assi ta' Daren Desira' (l-'Elenku').[5]

10. Fost il-proprjetà mobbli u immobbli "li ġew identifikati u evalwati li huma indirettament jew direttament relatati mal-imputat" li ssemmew fl-Elenku, ġew indikati l-penthouse internament immarkata b'numru 9, formanti parti minn blokk appartamenti bl-isem 'Il-'Pjazza', bl-ittra 'B', li jinsab fi Triq Birbal, il-Balzan, kif ukoll il-garaxx b'numru 44, formanti parti mill-istess blokk (il-'Proprjetà') – liem Proprjetà tifforma l-mertu ta' din il-kawża.

[4] Ara l-kopja tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar maħruġ kontra Daren Desira u l-imputat l-ieħor fil-kumpilazzjoni b'numru 396/2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti struttorja fit-23 ta' Mejju 2023, f'paġni 23-24.

[5] Ara l-Elenku tal-Assi ta' Daren Desira maħruġ fil-5 ta' April 2024 mill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, fl-atti tal-kawża f'kumpilazzjoni b'numru 396/2023, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Marshal Mallia) (Spettur Alfredo Mangion) vs Daren Desira et' (ARB/C029/2023), f'paġni 25-221.

**Kawża tal-lum**

11. Il-kawża tal-lum infetħet fid-29 ta' Ottubru 2024 mir-rikorrenti Mary Grace Desira, li tiġi omm Darren Desira.[6]

12. Ir-rikorrenti tgħid li l-Proprjetà tappartjeni lilha u li akkwistata flimkien mar-raġel tagħha,[7] Alfred Desira, b'kuntratt ta' kompra-vendità ppubblikat min-Nutar Dottor Ruben Casingena fit-30 ta' Marzu 2015.[8] Hija sussegwentement wirtet is-sehem ta' nofs indiviż li kien jappartjeni lil Alfred Desira mal-mewt tiegħu fl-24 ta' Settembru 2021.[9] Hija għalhekk qiegħda titlob lil din il-qorti sabiex, f'termini tal-artikolu 39(1) tal-Kap. 621, tiddikjara li l-Proprjetà tappartjeni lilha, u b'hekk tirrilaxxjaha mill-effetti tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar maħruġa kontra Darren Desira.

13. Fir-risposta ġuramentata tat-2 ta' Diċembru 2024, l-intimati eċċepew li:-[10]

a. il-Kummissarju tal-Pulizija m'huwiex il-leġittimu kontradittur, għaliex huwa l-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi li jieħu ħsieb tal-assi soġġetti għall-ordni ta' qbid u iffriżar;

b. l-artikolu 39 tal-Kap. 621 m'huwiex applikabbli u ma jistax jiġi invokat fil-proċedimenti preżenti. Dan għaliex skont l-artikolu 23A tal-Kap. 9, meta wieħed jiġi akkużat b'reat taħt il-Kap. 101 jew il-Kap. 31, ir-reġim legali applikabbli huwa dak misjub taħt il-Kap. 101 jew il-Kap. 31, li ma jipprovdi l-ebda jedd lit-terz biex jirrikorri quddiem din il-qorti qabel ma jkunu ġew konklużi l-proċedimenti kriminali u l-akkużat ikun instab ħati;

c. mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandha tipprova l-elementi kollha kkontemplati fl-artikolu 39 tal-Kap. 621 inkluż it-titolu tagħha fuq il-Proprjetà. Dana speċjalment għaliex il-Proprjetà hija r-residenza tal-imputat Darren Desira.

---

[6] Ara r-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Mary Grace Desira, f'paġni 1-3.
[7] Ara l-affidavit ta' Mary Grace Desira, f'paġni 231-232.
[8] Ara l-kuntratt ta' kompra-vendità ppubblikat min-Nutar Dottor Ruben Casingena fit-30 ta' Marzu 2015, f'paġni 4-10.
[9] Ara ċ-ċertifikat tal-mewt ta' Alfred Desira f'paġna 11; kopji tar-riċerki testamentarji f'paġni 12-17; kopja tal-aħħar testment ta' Alfred Desira ppubblikat min-Nutar Dottor Casingena fil-11 ta' Mejju 2021 f'paġni 18-19; kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* ippubblikata min-Nutar Dottor Maria Mifsud Bonnici fit-12 ta' Jannar 2022 f'paġni 20-22.
[10] Ara r-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, f'paġni 233-236.

14. Fl-10 ta' Jannar 2025, il-qorti ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni li l-artikolu 39 tal-Kap. 621 ma japplikax, u dana wara li ġie prefiss terminu għall-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom.

**Sottomissjonijiet tal-partijiet**

15. Kif diġà ssemma l-intimati jiċċitaw l-artikolu 23A(1) tal-Kap. 9, li wara l-emendi mwettqa bl-Att VI tal-2024, jipprovdi dan li ġej:-

> 23A.(1) L-iffriżar tal-proprjetà ta' xi persuna li tkun imputata jew akkużata b'reat relevanti għandu jiġi regolat mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità:
>
> Iżda dak stipulat hawn fuq ma għandux japplika meta persuna tkun imputata jew akkużata b'reat kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi kemm jekk l-akkużi jkunu biss ta' reati kontra dawk il-liġijiet kif ukoll jekk ikunu ta' reati kontra dawk il-liġijiet u reati kontra liġijiet oħra:
>
> Iżda wkoll fejn, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, ikun inħareġ Ordni ta' Ffriżar dwar reat kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew taħt l-artikolu 23A ta' dan il-Kodiċi kif kien fis-seħħ fiż-żmien meta nħareġ dak l-ordni, kemm jekk l-akkużi kienu biss dwar reati kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew għal reati taħt dawk il-liġijiet flimkien ma' akkużi għal reati taħt liġijiet oħra kull Ordni ta' Ffriżar hekk maħruġ għandu jitqies li nħareġ taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u għandu, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, jibqa' fis-seħħ u għandu jkun regolat skont l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

16. Skont l-intimati, dana jfisser li l-artikolu 39 tal-Kap. 621 ma jistax jiġi invokat f'dan il-każ għaliex Darren Desira qiegħed jiġi akkużat b'reati taħt il-Kap. 101 u għalhekk l-iffriżar tal-assi tiegħu għandu jiġi rregolat esklussivament mill-Kap. 101, skont l-artikolu 23A iċċitat hawn fuq.[11] L-intimati jsostnu – b'riferenza għad-diskussjonijiet parlamentari li saru qabel il-promulgazzjoni tal-Att VI tal-2024 – li l-leġislatur ried iżomm distinti r-reġim applikabbli għar-reati ta' droga u dak applikabbli għal reati oħra, għaliex f'reati ta' droga, huwa ferm aktar diffiċli biex jiġi kkwantifikat ir-rikavat tal-kriminalità:-

[11] Ara n-nota tas-sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, f'paġni 247-252.

> **ONOR. JONATHAN ATTARD:** [Omissis] Minkejja li lbieraħ kien hemm min ta l-impressjoni li aħna ma niġġildux il-pjaga tat-traffikar ta' droga, bil-fatt li aħna estrapolajna r-reati marbuta ma' droga qed nagħmluha bl-aktar mod ċar li r-regime legali marbut mad-droga ma japplikax għal din ir-riforma għax nemmnu mhux biss *qua* messaġġ kontra dan it-tip ta' reat - li ejja niftakru li reati ta' droga jħallu l-vittmi fis-soċjetà - imma wkoll għax nemmnu mill-konsultazzjoni interna li saret mal-istakeholders ewlenin, mal-istitiuzzjonijiet ewlenin li jiġġieldu din il-pjaga tad-droga li hemm element distint anke f'dak li għandu x'jaqsam ma' kif wieħed jikkwantifika r-rikavat mill-kriminalità u anke l-effett tal-iffinanzjar u l-istigar tar-reat ta' droga għal reati oħrajn. Dik kienet il-pożizzjoni tagħna meta ressaqna dan l-Abbozz ta' Liġi fil-Parlament u l-pożizzjoni ma nbidlitx f'dan l-istadju. L-emendi li ressaqna ma jaffettwaw xejn mill-prinċipji li tlaqna bihom fl-Abbozz ta' Liġi fl-istadju parlamenari peċedenti u dik hija l-pożizzjoni tal-Gvern.[12]

17. Ir-rikorrenti twieġeb li l-esklużjoni taħt l-artikolu 23A tal-Kap. 9 tapplika biss fir-rigward tal-"persuna li tkun imputata jew akkużata b'reat rilevanti" u mhux għat-terz. Hija targumenta li ma jkun jagħmel l-ebda sens li t-terzi jkunu soġġetti għat-tali esklużjoni għaliex dan ikun ifisser li jkunu ġew imċaħħda minn kwalsiasi rimedju f'każ li tkun ġiet erronjament maqbuda u ffriżata proprjetà li tmiss lilhom. Ir-rikorrenti ssostni li t-terzi għandu jkollhom id-dritt ugwali li jirrikorru quddiem din il-qorti, irrispettivament min-natura tar-reati li l-imputat jkun qiegħed jiġi akkużat bihom, u li jkunu wasslu għall-ħruġ ta' ordni ta' qbid u iffriżar.[13]

**It-tifsira tal-liġi mingħajr referenza għal liġijiet ġerarkikament ogħla**

18. Il-qorti sejra l-ewwel tqis it-tifsiriet kontrastanti li jagħtu l-partijiet fil-kuntest biss tal-liġijiet li saret referenza għalihom – jiġifieri il-Kap. 9, il-Kap. 101 u l-Kap. 621 – biex tqis hemmx tifsira waħda ċara, jew jekk hemmx tifsiriet alternattivi li huma possibbli; u, f'tali każ, liema minnhom għandha tintgħażel. Wara, il-qorti sejra tqis it-tifsiriet fil-kuntest tal-liġijiet ta' grad ogħla.

19. Nibdew bl-argument li donnhom iressqu l-intimati li l-Kap. 621 hu eskluż totalment meta persuna tkun akkużata b'reat kontra d-dispożizzjoninet tal-Kap. 101 jew tal-Kap. 31.[14] Meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet kollha relevanti, m'huwiex daqstant ċar li l-Kap. 621 hux

[12] Kamra Tad-Deputati, Kumitat Permanenti Għall-Konsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Liġi (Rapport Uffiċjali u Rivedut), L-Erbatax-il Parlament, Laqgħa Nru 30, 16 ta' Jannar, 2024.
[13] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, f'paġni 253-265.
[14] Biex wieħed ikun ġust mal-intimati, huma ma jagħmlux argument f'dan is-sens b'mod espliċitu. Għalhekk, jista' jkun li l-qorti fehmet il-pożizzjoni tagħhom f'dan ir-rigward b'mod żbaljat.

eskluż fit-totalità tiegħu, jew jekk dan għandux jibqa' japplika b'mod sussidjarju, jew jekk għandux japplika biss fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet li ma ġewx espressament esklużi jew f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn ma jkunx ser jinħoloq konflitt bejn il-Kap. 621 min-naħa waħda u l-Kap. 101 jew il-Kap. 31 min-naħa l-oħra.

20. It-tifsira ta' "reat rilevanti" (cioè r-reat li jġib miegħu t-tħaddim tal-Kap. 621) ma teskludiex ir-reati taħt il-Kap. 101 u/jew il-Kap. 31. Dan għaliex skont l-artikolu 4 tal-Kap. 621, "reat rilevanti" ġie mfisser bħala "kull reat taħt kwalunkwe liġi, u li ma jkunx reat ta' natura involontarja, soġġett għall-piena ta' ħabs jew detenzjoni għal żmien massimu ta' mill-inqas sena (1) ħlief meta provdut b'mod ieħor f'Taqsima oħra ta' dan l-Att." Reati taħt il-Kap. 101 jew il-Kap. 31 huma soġġetti għall-piena in eċċess ta' sena ħabs jew detenzjoni, u għalhekk jaqgħu taħt din it-tifsira.

21. Barra minn hekk, fl-artikoli 64 u 65 tal-Kap. 621 issir riferenza għall-Iskeda tal-Att, fejn ġew indikati, fl-Ewwel Taqsima, numru ta' liġijiet oħra, inklużi l-Kap. 101 u l-Kap. 31. Fl-artikolu 64 tal-Kap. 621 imbagħad jingħad li l-liġijiet indikati f'din it-Taqsima "jistgħu jiġu revokati jew emendati sakemm jipprovdu dispożizzjoni fir-rigward tal-materji previsti ukoll f'dan l-Att," u fl-artikolu 65 tal-Kap. 621 jingħad li l-ebda ħaġa fil-Kap. 621 m'għandha tinftiehem bħala "deroga, limitazzjoni jew restrizzjoni ta' xi poter mogħti taħt il-ligijiet inklużi fl-Ewwel Taqsima tal-Iskeda." Minn dan jista' jiġi dedott li l-leġislatur ma riedx li jkun hemm ligijiet dupplikazzjoni ta' xulxin u għalhekk ħoloq mezz biex jirrevoka jew jemenda dawk id-dispożizzjonijiet fil-liġijiet speċjali li diġà jinsabu f'Kap. 621. Wieħed għalhekk li jista' anki jasal għall-konklużjoni li sakemm il-liġijiet fl-Ewwel Taqsima – inkluż il-Kap. 101 u l-Kap. 31 – ma jipprovdux xi ħaġa li tikkonfliġġi direttament ma' dak dispost fil-Kap. 621, id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 621 għandhom jibqgħu japplikaw.

22. B'mod simili, id-dicitura tal-artikolu 5(3) tal-Kap. 621, tagħti lil wieħed x'jifhem li fejn il-proprjetà tikkostitwixxi rikavat iżda m'hijiex soġġetta għall-konfiska taħt xi liġi speċjali, id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 621 għandhom jibqgħu japplikaw:-

> (3) Meta l-liġi tipprovdi għall-konfiska tal-assi tal-akkużat bħala konsegwenza ta' ħtija, id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi għandhom jibqgħu japplikaw fir-rigward ta' tali konfiska għall-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, b'dak il-mod illi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom madankollu japplikaw fir-rigward ta'

proprjetà li tikkostitwixxi rikavat u li mhijiex soġġetta għall-konfiska taħt kull liġi msemmija.[15]

23. Imbagħad hemm l-artikolu 23A(3) tal-Kap. 9, li jgħid li meta "dan l-artikolu" – cioè l-artikolu 23A li jistabbilixxi, fost oħrajn, meta għandu japplika r-reġim legali taħt il-Kap. 101 jew il-Kap. 31 – kif ukoll l-"artikolu 23B, 23C u 23D" tal-Kap. 9, jipprovdu dwar il-"konfiska ta' rikavat mill-kriminalità b'mod li mhuwiex provdut" fil-Kap. 621, huma l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali li għandhom jiġu applikati l-ewwel. Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet taħt il-Kap. 621 "għandhom japplikaw biss sussidjarjament." Dana jagħti lil wieħed x'jifhem li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 621 m'humiex kompletament esklużi iżda li għandhom japplikaw biss meta m'hemm l-ebda dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-rikavat mill-kriminalità, fil-Kap. 101, fil-Kap. 31, jew fl-artikoli 23A-23D tal-Kap. 9.

24. Ngħaddu issa għall-ispeċifiku, u b'mod partikolari għall-artikolu 39 tal-Kap. 621 u l-proviso għall-artikolu 23A(1) tal-Kap. 9.

25. Kif rajna, l-intimati jgħidu, in effett, li skont il-proviso għall-artikolu 23A(1) tal-Kap. 9, il-Kap. 621 ma japplikax għal ordnijiet tal-iffriżar ta' proprjetà li jkunu nħarġu skont il-Kap. 101 jew il-Kap. 31. Dan ifisser, skont ma jgħidu, li l-artikolu 39 tal-Kap. 621, ma japplikax fil-każ ta' dawn l-ordnijiet li jkunu nħarġu bis-saħħa ta' wieħed minn dawk iż-żewġ liġijiet (jew it-tnejn).

26. Ir-rikorrenti tgħid li din hi tifsira wiesa' wisq tal-proviso. Fil-fehma tagħha, ir-regola prinċipali fl-artikolu 23A(1) tapplika biss għall-"iffriżar tal-proprjetà ta' xi persuna li tkun imputata jew akkużata b'reat rilevanti" u mhux ukoll għall-iffriżar ta' proprjetà ta' persuna li ma tkunx hekk imputata. Tgħid għalhekk li l-proviso, li toħloq biss eċċezzjoni għar-regola prinċipali, ma ssostnix it-teżi tal-intimati. Tkompli tgħid li l-artikolu 39 tal-Kap. 621 ma jirregolax l-iffiriżar ta' assi ta' persuna imputata b'reat relevanti, iżda joħloq rimedju speċjali quddiem din il-qorti maħsub biex iħares id-drittijiet ta' terzi li proprjetà tagħhom tiġi iffriżata jew ikkonfiskata bi żball.

[15] Skont il-Kap. 621, "konfiska" ġiet imfissra bħala t-"teħid jew qbid ta' proprjetà b'ordni tal-awtorità kompetenti li ċċaħħad is-sid mit-titolu tiegħu, kollu jew parzjalment għal ebda kumpens."

27. Fil-fehma tal-qorti, it-tifsira li tagħti r-rikorrenti sa dan il-punt hi iktar konvinċenti. Id-diffikultà tinħoloq meta wieħed iħares ftit iktar bir-reqqa lejn l-artikolu 39 tal-Kap. 621.

28. Dan jgħid li "kwalunkwe persuna" li "tiddikjara li hija s-sid ta'" jew "tiddikjara li għandha drittijiet" fuq "kwalunkwe proprjetà soġġetta għall-Ordni ta' Qbid u Iffriżar skont it-Taqsima IV" tista' tagħmel talba (tapplika, fi kliem il-liġi) lil din il-qorti biex dik il-proprjetà tinħeles mill-ordni.[16]

29. Issa jista' jingħad li t-tifsira immedjata li wieħed jasal għaliha meta wieħed jaqra l-frażi "proprjetà soġġetta għall-Ordni ta' Qbid u Iffriżar skont it-Taqsima IV" hi proprjetà li, fil-fatt, tkun inqabdet skont it-Taqsima IV. Jekk din hi t-tifsira li għandha tingħata lil din il-frażi, allura t-teżi tar-rikorrenti tfalli għaliex il-proprjetà in kwistjoni f'din il-kawża ma nqabditx b'ordni maħruġa taħt it-Taqsima IV tal-Kap. 621.

30. Iżda l-frażi tista' tinqara mod ieħor. Tista' tinqara fis-sens li tapplika għal proprjetà soġġetta għal "Ordni ta' Qbid u Iffriżar" skont it-tifsira ta' dik il-frażi fit-Taqsima IV, u mhux li l-ordni trid tkun inħarġet skont dik it-taqsima. Dan jeħodna għall-artikolu 36 tal-Kap. 621, li jinsab fit-Taqsima IV. F'dan l-artikolu, il-frażi "Ordni ta' Qbid u Iffriżar" hi mfissra bħala "Ordni" li l-Qorti għandha tagħmel meta "persuna tkun akkużata b'reat rilevanti", fejn "tiġi sekwestrata kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska, u li żżomm u tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tiegħu jew li tkun fil-pussess tiegħu."

31. Il-qorti hi tal-fehma li din it-tieni interpretazzjoni hi kemxejn imġebbda; u li kieku setgħet tieqaf hawn fl-analiżi, kienet probabbilment ssib li l-eċċezzjoni għandha mis-sewwa.

[16] L-artikolu japplika wkoll għall-ordnijiet ta' konfiska maħruġa skont l-artikolu 38(1). Dan l-artikolu jirreferi għall-ordni ta' konfiska, li ġiet imfissra bħala dik l-ordni maħruġa meta "Qorti ta' ġuriżdizzjoni kriminali tagħti sentenza dwar persuna li tkun instabet ħatja ta' reat rilevanti," li "bih tiġi konfiskata kwalunkwe proprjetà li l-Qorti tiddetermina, abbażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet, li tkun proprjetà li hija soġġetta għall-konfiska, kif imfisser fl-artikolu 3(6), bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija."

**It-tifsira fid-dawl ta' liġijiet oħla**

32. Iżda li kieku kellha tiġi aċċettata t-tifsira mressqa mill-intimati, cioè li kieku l-artikolu 39 tal-Kap. 621 kellu jitqies inapplikabbli għall-ordni ta' qbid u iffriżar (jew ordni ta' konfiska) maħruġa taħt il-Kap. 101 jew il-Kap. 31, dan ikun ifisser li – salv għaċ-ċirkostanza msemmija fl-artikolu 22C b'riferenza għall-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 – it-terz ma jkollu l-ebda opportunità biex jikkontesta ordni ta' qbid u iffriżar (jew ordni ta' konfiska) taħt il-Kap. 31 jew il-Kap. 101. Ifisser b'hekk li t-terz ma jkollu ebda rimedju biex jikseb il-ħelsien ta' proprjetà li ġiet maqbuda, iffriżata jew ikkonfiskata bi żball.[17]

33. Din tkun tifsira li toħloq problema.

*Id-Direttiva 2014/43/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-"Direttiva")*

34. L-Istat Malti huwa meħtieġ li joffri rimedju lit-terzi li jkunu ġew milquta minn xi ordni ta' qbid u iffriżar jew ordni ta' konfiska. Skont l-artikolu 8 tad-Direttiva, il-persuni milquta mill-miżuri previsti fid-Direttiva għandhom jingħataw id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom, u għandu jkollhom possibilità effettiva biex jikkontestaw l-ordni ta' ffriżar quddiem qorti f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-liġi nazzjonali.[18] L-artikolu jeħtieġ ukoll li t-terzi "ikunu intitolati li jitolbu t-titolu tas-sjieda jew drittijiet ta' proprjetà oħrajn, inkluż fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 6" (cioè l-artikolu li jipprovdi ċ-ċirkostanzi meta tista' tiġi kkonfiskata proprjetà ta' terz).[19]

---

[17] Kif qalet ir-rikorrenti huwa biss l-akkużat li, skont l-artikolu 22A tal-Kap. 101, jingħata l-jedd li jitlob bidla fl-ordni ta' iffriżar jew li jitlob lill-qorti tawtorizza t-trasferiment ta' proprjetà mobbli jew immobbli soġġetta għall-ordni ta' iffriżar. B'mod simili, taħt l-artikolu 22C tal-Kap. 101, huwa biss il-persuna misjuba ħatja u t-terz parti msemmija fl-artikolu 22(3A)(3) – cioè dik li tkun għaddiet għanda proprjetà immobbli mingħand l-akkużat – li għandhom il-jedd jirrikorru quddiem din il-qorti biex jitolbu r-rilaxx ta' proprjetà soġġetta għall-konfiska, u dana kif ġie kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell: 171/14/4 JPG, *Rosario Spiteri vs il-Kummissarju tal-Pulizija et,* deċiża 26 ta' Settembru 2022.

[18] Dana japplika wkoll għall-ordni ta' konfiska.

[19] Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva, l-"Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkonfiskaw ir-rikavat, jew proprjetà oħra li l-valur tagħha jkun ekwivalenti għar-rikavat, li, direttament jew indirettament, tkun ġiet ittrasferita minn persuna suspettata jew akkużata lil partijiet terzi, jew li tkun ġiet akkwistata minn partijiet terzi mingħand il-persuna suspettata jew akkużata, tal-inqas jekk dawk il-partijiet terzi kienu jafu jew suppost li kienu jafu li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien biex tiġi evitata l-konfiska, abbażi ta' fatti u ċirkostanzi konkreti, inkluż li t-trasferiment jew l-akkwist sar mingħajr ħlas jew għal ammont ferm aktar baxx mill-valur fis-suq."

35. Dan ifisser li l-interpretazzjoni promossa mill-intimati – li kieku kellha tiġi aċċettata minn din il-qorti –twassal f'nuqqas ta' rimedju għat-terz li jixtieq jikkontesta ordni ta' qbid u iffriżar (jew ordni ta' konfiska – ħlief fiċ-ċirkostanza msemmija fl-artikolu 22C tal-Kap. 101) maħruġa taħt il-Kap. 101 jew il-Kap. 31, u dan bi ksur tad-Direttiva. Fil-fatt ġie kkonfermat espliċitament mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li d-Direttiva tipprekludi "liġi nazzjonali li tipprevedi li, meta beni jiġu ffriżati bħala strumenti jew li huma preżunti rikavat ta' reati, il-proprjetarju ta' dawn il-beni, terz f'bona fide, m'għandu, matul il-fażi ġudizzjarja tal-proċeduri kriminali, ebda dritt li jressaq quddiem il-qorti kompetenti talba għal restituzzjoni tal-imsemmija beni," u dana fid-deċiżjoni preliminari tagħha (b'numru C-505/20), fejn intqal hekk:-

> "Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li r-reati marbuta mal-kriminalità organizzata u mat-traffikar tad-drogi, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ratione materiae tad-Direttiva 2014/42.
>
> [Omissis]
>
> L-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Garanziji", jimponi fuq l-Istati Membri, fil-paragrafu 1 tiegħu, li jipprevedu favur il-persuni kkonċernati mill-miżuri previsti mill-imsemmija direttiva dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ xieraq għas-salvagwardja tad-drittijiet ta' dawn il-persuni. Din id-dispożizzjoni b'hekk tafferma mill-ġdid, fil-qasam kopert minn din l-istess direttiva, id-drittijiet fundamentali msemmija fl-Artikolu 47 tal-Karta, li jipprevedi b'mod partikolari li kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jkunu nkisru għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-artikolu u b'mod partikolari li l-kawża tagħha tinstema' b'mod ekwu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2021, Okrazhna prokuratura – Varna, C-845/19 u C-863/19, EU:C:2021:864, punt 75).
>
> [Omissis]
>
> F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, il-fatt li l-proprjetarju tal-beni ffriżati ma għandu l-ebda dritt, matul il-fażi ġudizzjarja tal-proċedura kriminali, li jressaq quddiem il-qorti talba għal restituzzjoni tal-imsemmija beni, għandu jitfakkar li l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42 jimponi fuq l-Istati Membri li jiggarantixxu dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ xieraq sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jżommu d-drittijiet tagħhom.
>
> F'dan ir-rigward, minħabba n-natura ġenerali tal-formulazzjoni ta' din id-dispożizzzjoni, il-persuni li lilhom l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu rimedji effettivi u smigħ xieraq ma humiex biss dawk irrikonoxxuti ħatja ta' reat iżda wkoll it-terzi li l-beni tagħhom huma kkonċernati mid-deċiżjoni ta' konfiska (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2021, Okrazhna prokuratura – Varna, C-845/19 u C-863/19, EU:C:2021:864, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).
>
> Din l-interpretazzjoni tirriżulta wkoll mill-premessa 33 tad-Direttiva 2014/42, li tistipula li din id-direttiva tippreġudika b'mod sinjifikattiv id-drittijiet tal-persuni, mhux biss tal-persuni ssuspettati jew tal-akkużati, iżda wkoll ta' terzi li ma humiex is-suġġett ta' prosekuzzjoni filwaqt li jsostnu li huma l-proprjetarji tal-beni kkonċernati. Għaldaqstant huwa meħtieġ, skont din il-premessa, li jiġu previsti garanziji speċifiċi u rimedji ġudizzjarji sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali ta' dawn il-persuni fl-implimentazzjoni tal-imsemmija direttiva

(sentenza tal-21 ta' Ottubru 2021, Okrazhna prokuratura – Varna, C-845/19 u C-863/19, EU:C:2021:864, punt 77).

[Omissis]

Tali approċċ jippreżumi li t-terz f'bona fide proprjetarju ta' beni ffriżat jista', ukoll matul il-proċeduri ġudizzjarji, jitlob lill-qorti kompetenti teżamina jekk il-kundizzjonijiet imposti għall-iffriżar ta' dan il-beni jibqgħux issodisfatti. Konsegwentement, leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix tali possibbiltà tmur kontra l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42.

Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li, meta beni jiġu ffriżati bħala strumenti jew li huma preżunti rikavat ta' reati, il-proprjetarju ta' dawn il-beni, terz f'bona fide, ma għandu, matul il-fażi ġudizzjarja tal-proċeduri kriminali, ebda dritt li jressaq quddiem il-qorti kompetenti talba għal restituzzjoni tal-imsemmija beni."[20]

*Il-Karta u l-Konvenzjoni (kif imfissra hawn taħt); u l-Kostituzzjoni*

36. Rimedju għat-terz bħar-rikorrenti huwa meħtieġ mhux biss biex l-Istat Malti jżomm mal-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva iżda anke sabiex ikun konformi mal-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem kif imfissra fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (il-"Konvenzjoni"). Sabiex l-Istat Malti jżomm mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa meħtieġ li jagħti lill-persuna li ġiet milquta minn xi miżura li tolqot il-paċifiku ġodiment tal-possedimenti tagħha (inkluż, għalhekk, ordnijiet ta' qbid, iffriżar u konfiska), opportunità raġonevoli biex effettivament tikkontesta t-tali miżura quddiem l-awtoritajiet kompetenti.[21]

37. Tant hu hekk li qabel l-emendi introdotti bl-Att VI tal-2024, ġie ddikjarat ksur tad-drittijiet sanċiti fl-artikolu 6 u fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, minħabba l-fatt li ma ġie pprovdut l-ebda rimedju taħt il-Kap. 101 għat-terz li ried jikseb il-ħelsien ta' proprjetà li allegatament ġiet iffriżata u maqbuda bi żball jew għat-terz li ried jikkontesta l-konfiska ta' proprjetà mobbli. F'dan il-każ intqal hekk:-

---

[20] C-505/20, Talba għal deċiżjoni preliminari, RR, JG, Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, deċiża 12 ta' Mejju 2022.

[21] *G.I.E.M. S.R.L. and Others v. Italy* [GC], app. no. 1828/06, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deċiża 28 ta' Ġunju 2018, §§ 290 u 302; *AGOSI v. the United Kingdom,* app. no.18465/91, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deċiża 24 ta' Ottubru 1986, §§ 55 and 58-60; *Air Canada v. the United Kingdom*, app no. 18465/91 Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deċiża 5 ta' Mejju 1995, A316-A, 1995, § 46; *Arcuri and Others v. Italy*, app. no. 52024/99, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deċiża 5 ta' Lulju 2001; *Riela and Others v. Italy*, app. no. 52439/99, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deċiża 4 ta' Settembru 2001; *Shorazova v. Malta*, app. no. 51853/19, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deċiża 3 ta' Marzu 2022, § 105.

Huwa car mill-gurisprudenza hawn fuq citata illi sabiex jista' jinghad li jkun hemm dritt ghal access ghal qorti li hu prattiku u effettv; irid ikun hemm certezza legali fuq ir-rimedju li ghalih l-individwu jista' jirrikorri; tal-procedura preciza biex jikseb dan ir-rimedju ghalih, cioe sistema legali cara u accessibli tal-procedura miftuha ghal otteniment ta' rimedju ghad-dritt civili tac-cittadin. F'dan il-kaz, il-Kummissarju tal-Pulizija stess ammetta, u dan gie accettat mill-Avukat Generali, li tali sistema ma tezistix ghal persuni fl-istess posizzjoni tar-rikorrent.

Il-fatt illi r-rikorrent rnexxilu jikseb ir-rilaxx tal-maggior parti tal-flus konfiskati ma jfissirx illi r-rekwiziti hawn fuq imsemmija gew sodisfatti. Ta' min jiftakar illi l-Qorti tal-Magistrati li tkun qed tisma' l-kawza kriminali m'hijiex marbuta li tisma' u tiddetermina rikorsi ntavolati minn terzi persuna ghar-rilaxx tal-proprjeta taghha allegatament konfiskata erronjament, ghaliex m'hemm ebda provvediment tal-ligi li jipprovdi ghal tali procedura. Il-fatt illi m'hemmx procedura stabbilita fil-ligi li tapplika ghall-kazijiet bhal dak de quo, jfisser illi m'hemmx sistema li hija sufficjentement cara u accessibli li toffri c-certezza legali rikjesta sabiex individwu, f'din is-sitwazzjoni, ikun jaf bic-certezza mistennija x'inhuma r-rimedji disponibbli ghalih u b'liema mod jista' jaghmel uzu minnhom.

Apparti minn hekk, il-ligi vigenti tohloq sitwazzjoni ta' disparita bejn terzi persuni illi tkun giet konfiskata lilhom proprjeta mmobbli u terzi persuni li tkun giet konfiskata lilhom propreta mobbli. Kif jidher mill-kaz tar-rikorrenti, huwa ma kellux mezz biex jappella d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati halli jipprova jikseb ukoll ir-rilaxx tal-bqija tal-flus li baqghu konfiskati, filwaqt li persuni li jinghataw dritt ta' azzjoni mill-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 ghandhom dritt ukoll jintavolaw appell jekk ma jaqblux mas-sentenza tal-Qorti.

Inoltre, il-Qorti tqis illi l-kawza kriminali fejn ikun jinsab mixli l-akkuzat, mhiex l-forum idoneju sabiex terza persuna tikseb ir-rilaxx ta' oggetti konfiskati minhabba dik il-kawza. Il-proceduri kriminali li jkunu ghaddejin fil-konfront tal-akkuzat m'ghandhomx jigu interrotti minhabba tali kwistjonijiet, ghaliex wara kollox, l-akkuzat ghandu dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. Pero kull t-terza persuna li ssofri konfiska tal-proprieta' mobbli taghha ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta, ghandha jkollha dritt indaqs tal-persuni l-ohra msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101, li tressaq l-pretensjoni taghha, sorretta minn kwalunkwe prova li jista' jkollha, u dritt li taghmel s-sottomissjonijiet necessarji. L-Istat minn naha l-ohra ghandu jkollu mezz li jirribatti dawn il-pretensjonijiet biex jigi assigurat illi proprjeta attwalment provenjenti mill-kommissjoni ta' reati ta' droga tibqa' hekk kkonfiskata favur l-Istat. Il-Qorti tqis obiter li dan m'ghandux jkun a skapitu tad-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, u ghalhekk lil-Istat ghandu jipprovdi procedura sabiex terzi persuni jkunu jistghu jiksbu r-rilaxx ta' proprjeta mobbli taghhom, li tkun giet konfiskata ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, - procedura li tkun distinta u separata mill-proceduri kriminali fil-konfront tal-akkuzat. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq garantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan billi s-sistema legali ma taghtix access ghal qorti ghal terzi persuni li tkun giet lilhom kkonfiskata proprjeta mobbli fi proceduri kriminali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."[22]

38. Dan jgħodd ukoll għall-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li jipproteġi l-kisba jew it-teħid obbligatorju ta' pussess, interess jew dritt fuq proprjetà, ħlief meta dan isir skont il-liġi, versu kumpens xieraq u jkun ġie garantit id-dritt t'aċċess għall-qorti jew tribunal independenti u imparzjali. Issa huwa veru li skont l-artikolu 37(2)(b), l-ebda ħaġa fl-

[22] 171/14/4 JPG, *Rosario Spiteri vs il-Kummissarju tal-Pulizija et*, Qorti tal-Appell, deċiża 26 ta' Settembru 2022.

artikolu 37 m'għandha tinftiehem li tolqot l-egħmil jew il-ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà "bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali."

39. Madanakollu għandhom jitqiesu żewġ punti f'dan ir-rigward. L-ewwel nett, il-qbid u l-iffriżar tal-proprjetà jsiru qabel ma tkun għadha ġiet iddikjarata l-ħtija tal-imputat. It-tieni nett, il-liġi ma tipprovdix għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà li għandha xi dritt fuqha terz parti, anke meta tkun ġiet iddikjarata l-ħtija ta' reat kriminali. Għalkemm skont l-artikolu 23 tal-Kap. 9, il-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, hija meqjusa bħala konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, dan ma japplikax "meta persuna li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti."

*Tifsira kompatibbli*

40. Jekk liġi ordinarja tista' tingħata iktar minn interpretazzjoni waħda, u waħda minnhom biss hi konsistenti mal-Karta, mal-Kostituzzjoni u mad-Direttiva u mal-Konvenzjoni, liema waħda għandha titħaddan? Għandu jkun ovvju li hi l-interpretazzjoni li hi konsistenti li għandha tiġi magħżula, kemm għaliex tali interpretazzjoni ma tiksirx l-ordinament ġuridiku bażiku u kif ukoll għaliex dikjarazzjoni ta' inkompatibilità għandha tkun l-aħħar għodda li għandha tintuża; apparti li trid tkun qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tiddikjara inkompatibilità.

41. Fir-Renju Unit, ġurisdizzjoni magħrufa għad-dottrina unika tas-supremazija tal-parlament u, almenu tradizzjonalment, għas-sokkombenza tal-qrati għar-rieda tal-parlament u, konsegwentement, għall-użu predominanti tal-metodu litterali ta' interpretazzjoni,[23] din id-dottrina tiġi applikata mill-qrati b'mod li hu biss f'każi estremi li jkun hemm bżonn ta' dikjarazzjoni ta' inkompatibilità. Kull fejn hu possibbli li liġi ordinarja tiġi salvata b'interpretazzjoni konsistenti mal-Konvenzjoni, dan isir.

[23] Avolja għandu jingħad li, f'dawk l-aħħar snin, il-qrati jiffavorixxu interpretazzjoni teleoloġika.

42. Ta' min wieħed jinnota li, minħabba fid-dottrina tas-supremazija tal-parlament, meta l-parlament ingliż għamel il-Konvenzjoni parti mill-liġi interna tal-pajjiż, ma ġietx addottata regola bħal dik li għandha aħna fl-art. 3(2) tal-Kap. 319. Jibqa' li mhux possibbli għall-qrati Ingliżi li jiddikjaraw liġi bla effett. Dak li jistgħu jagħmlu hu li jiddikjaraw li hemm inkompatibilità bejn liġi ordinarja u l-Konvenzjoni. Imbagħad hi l-funzjoni tal-parlament li jiddeċiedi x'jagħmel dwar dik l-inkompatibilità. Però, il-qrati Ingliżi għandhom obbligu li, qabel xejn, jaqraw u jagħtu effett lill-liġijiet ordinarji b'mod li hu kompatibbli mal-Konvenzjoni.[24] Dwar din ir-regola interpretattiva, Lord Bingham qal hekk f'*Sheldrake* v *Director of Public Prosecution* [2004] UKHL 43:

> The interpretative obligation of the courts under s.3 of the 1998 Act was the subject of illuminating discussion in *Ghaidan* v *Godin-Mendoza* [2004] 3 WLR 113. The majority opinions of Lord Nicholls, Lord Steyn and Lord Rodger in that case (with which Lady Hale agreed) do not lend themselves easily to a brief summary. But they leave no room for doubt on four important points. First, the interpretative obligation under s.3 is a very strong and far reaching one, and may require the court to depart from the legislative intention of Parliament. Secondly, a Convention-compliant interpretation under s.3 is the primary remedial measure and a declaration of incompatibility under s.4 an exceptional course. Thirdly, it is to be noted that during the passage of the Bill through Parliament the promoters of the Bill told both Houses that it was envisaged that the need for a declaration of incompatibility would rarely arise. Fourthly, there is a limit beyond which a Convention-compliant interpretation is not possible, such limit being illustrated *by R (on the application of Anderson) v Secretary of State for the Home Department* [2002] UKHL 46, [2003] 1 AC 837, [2002] 4 All ER 1089 and *Bellinger* v *Bellinger* [2003] UKHL 21, [2003] 2 AC 467, [2003] 2 All ER 593. In explaining why a Convention-compliant interpretation may not be possible, members of the committee used differing expressions: such an interpretation would be incompatible with the underlying thrust of the legislation, or would not go with the grain of it, or would call for legislative deliberation, or would change the substance of a provision completely, or would remove its pith and substance, or would violate a cardinal principle of the legislation (paras.33, 49, 110–113, 116). All of these expressions, as I respectfully think, yield valuable insights, but none of them should be allowed to supplant the simple test enacted in the Act: 'So far as it is possible to do so...'. While the House declined to try to formulate precise rules (para.50), it was thought that cases in which s.3 could not be used would in practice be fairly easy to identify.

[24] Section 3, Human Rights Act 1998 (UK).

43. Fl-Italja, kienet il-Qorti Kostituzzjonali li żviluppat id-dottrina tal-interpretazzjoni kostituzzjonali tal-liġijiet ordinarji. Id-dottrina hi spjegata b'dan il-mod fuq is-sit elettroniku tal-Qorti:

> **Interpretative Decisions**
>
> The Court frequently rejects claims that a legal provision is unconstitutional not because such claims are unfounded as a constitutional matter, but because the presiding judge has incorrectly interpreted the legal provision, and where a different interpretation would render the provision constitutional. This occurs in the case of so-called "interpretative" decisions (*sentenze interpretative*) where a given legal provision lends itself to differing interpretations, and is premised on the Court's established principle that the law must, whenever possible, be interpreted in conformity with the Constitution.
>
> Interpretative declarations thus endorse a "constitutional" interpretation of a given law, but they are formally binding only on the judge who certifies the question. Other judges are free to interpret the law differently. Generally speaking, however, the judiciary tend to conform to the interpretation of the Court if this will prevent the law from taking on an unconstitutional meaning. According to case law recently handed down by the Court of Cassation, if the Constitutional Court has ruled out a given interpretation, judges (other than the referring judge) are not formally precluded from applying that interpretation to the law. However, it is recognised that the interpretive decision gains authority, including in relation to the unfoundedness of the question of constitutionality of the law. Therefore, usually, should judges deem it impossible to adopt the alternative interpretation given by the Court, they may raise the question of constitutionality anew; and the Court may then sustain the constitutional challenge to the law, recognising that the case law of the ordinary courts does not accept the interpretive solution that would save it from unconstitutionality.
>
> This is part of the Court's permanent dialogue not only with the judiciary but also with the legislature. At times the Court addresses itself to the legislature in the form of a "warning" or sentenza di monito which contains suggestions and guidance for resolving legislative issues in closer accord with the Constitution.

44. L-istess loġika wasslet lill-Qorti Kostituzzjonali tgħid li fejn liġi ordinarja tista' tkun f'konflitt mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenjoni, qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili għandha, qabel xejn, tara tistax taqra dik il-liġi b'mod konformi mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni.[25]

45. L-istess loġika tapplika għall-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, skont il-prinċipju tal-effett indirett (*doctrine of indirect effect*) żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,[26] f'każijiet bħal *Von Colson*, fejn intqal li, għad li d-direttiva in kwistjoni ma kellhiex effett

---

[25] 33/2014 *Jane Agius v Avukat Ġenerali et*, Qorti Kostituzzjonali, deċiża 14 ta' Diċembru 2015.
[26] Ara, fost oħrajn, *Marleasing SA v La Comercial Internacional de Alimentacion SA*, C-106/89, [1990] ECR I-04135.

dirett,[27] il-qorti nazzjonali xorta waħda kienet obbligata li "tagħti, lil-liġi nazzjonali li tapplika d-direttiva, fil-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni mogħti lilha, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni konformi ma' l-eżiġenzi tad-dritt komunitarju."[28]

46. Ġie impliċitament irrikonoxxut li dana japplika biss f'każ li l-liġi nazzjonali tkun tista' tiġi interpretata b'mod kompatibbli mal-liġi komunitarja u mhux meta t-tali interpretazzjoni tkun *contra legem*. F'dan il-każ, l-interpretazzjoni li tagħti r-rikorrenti m'hijiex *contra legem*; anki jekk, talinqas fir-rigward tal-artikolu 39 tal-Kap. 621, hi kemxejn imġebbda.

47. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, din il-qorti hi tal-fehma li l-interpretazzjoni li għandha tiġi mħaddna hi dik tar-rikorrenti. Iżżid *obiter* li din l-interpretazzjoni, li l-qorti hi marbuta li taċċetta, ma tnaqqas xejn mill-politika li ħaddan il-Parlament li għandha tinżamm distinzjoni bejn reati marbuta ma droga, u reati oħra. Dan hu għaliex ir-rimedju maħsub fl-artikolu 39 tal-Kap. 621 m'huwiex rimedju għall-akkużat, imma għal dak it-terz li jgħid li proprjetà tiegħu tkun, bi żball, tqieset li hi proprjetà tal-akkużat.

**Parti deċiżiva**

Għal dawn ir-raġunijiet għandha tiġi miċħuda l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati, bl-ispejjeż kontrihom.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

---

[27] Għalkemm huma r-regolamenti li jingħataw applikabbilità diretta bis-saħħa tal-artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-direttivi u l-kategoriji oħra ta' atti msemmija f'dan l-artikolu, jista' jkollhom effett dirett f'każ li d-dispożizzjonijiet tagħhom jkunu inkondizzjonati, ċari u preċiżi biżżejjed, u fil-każ tad-direttivi, ma jkunux ġew implimentati sad-data li l-Istati Membri kellhom biex jaddottawhom. F'każ li jitqiesu li għandhom effett dirett, l-individwi fl-Istati Membri jkollhom il-possibilità li jipprevalixxu ruħhom mid-dritt mogħti lilhom fit-tali dispożizzjonijiet. (*Yvonne van Duyn v Home Office*, C-41/74 [1974] ECR 1337). F'dan il-każ, ir-rikorrenti m'invokatx dan id-dritt espliċitament quddiem din il-qorti, u għalhekk il-qorti m'hijiex ser tevalwa jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jipproduċux effetti diretti. Apparti minn hekk, f'dan il-każ, skont l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Malti, id-Direttiva ġiet trasposta f'liġi nazzjonali. (Ara 'Miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni kkomunikati mill-Istati Membri dwar Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea', EUR-LEX, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea).
[28] *Von Colson and Kamann v. Land NordrheinWestfalen*, C-14/83, [1984] ECR 1891.